**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Angelo Gafà]**

**vs**

**Nicholas sive Nikki Dimech**

**Kumpilazzjoni Numru: 94/2012**

**Illum, 27 ta' Novembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Nicholas sive Nikki Dimech** detentur tal-karta tal-identità numru 301779M akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, bejn Gunju 2010 u Marzu 2011, b'diversi atti maghmulin fi zminijet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' erbgha u ghoxrin elf, mija u tnejn u erbghin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€24,142.72), ghad-dannu ta' Polidano Brothers Limited;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel

**klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;**

3. **U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, kitba, jew skrittura kummerċjali jew ta' bank privat falza;**

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina tal-imputat;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat li l-Qorti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena 2013 ordnat l-iffrizar tal-assi tal-imputat Nicholas sive Nikki Dimech u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbgha (4) ta' Novembru tas-sena 2019 fejn intalab li din il-Qorti ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi:

1. Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17, 23B, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat frodi u falsifikazzjoni mill-imputat ghad-detriment ta' Polidano Brothers Limited.

Illi xehed l-**Ispettur Angelo Gafà** li esebixxa rapport, korrispondenzi, tliet (3) cekkijiet, mandat t'arrest, mandat ta' tfittxija, u ghadd ta' dikjarazzjonijiet li ffirma l-imputat fejn kien irrinunzja ghad-dritt tal-parir legali qabel l-interrogatorju. Ipprezenta wkoll stqarrijiet tal-imputat. Ipprezenta wkoll vera kopja tal-firma ta' Paul Polidano, kampjun ta' firem ta' Charles Polidano u kampjun ta' firem ta' Paul Polidano.

Huwa stqarr li dahal rapport fl-erbgha (4) ta' Mejju tas-sena 2011 li sar minn Mark Muscat li kien il-Kap Ezekuttiv tal-Water Services Corporation fejn hu kien allega li sar approprjazzjoni indebita ta'

cekkijiet tal-istess korporazzjoni li kienu hargu a favur is-socjetà Polidano Brothers Ltd. Jghid li Charles Polidano (direttur ta' Polidano Brothers Ltd.) kien ghamel tilwima mal-Water Services Corporation fis-sens li hu ma kienx qieghed jircievi cekkijiet dovuti lilu mill-istess Korporazzjoni. Jghid li mill-verifiki li ghamlet il-Water Services Corporation irrizulta li hargu tliet (3) cekkijiet f'isem il-kumpanija Polidano Brothers Limited izda dawn issarrfu go kont ta' terzi u dan wara li tali cekkijiet gew kontrofirmati mill-firmatarji ta' Polidano Brothers Limited. Il-parte civile Charles Polidano sahaq mal-Water Services Corporation li l-firma tat-terza persuna fuq ic-cekkijiet kienet tappartjeni lill-imputat Nikki Dimech. Sahaq ukoll li kien gie avvicinat mill-imputat u minn haddiem tal-Water Services Corporation certu Victor Testa.

Jghid li mill-investigazzjoni li ghamel PS 474 Norbert Said, irrizulta li wara li ghamel il-verifiki necessarji mal-parte civile, mal-Water Services Corporation kif ukoll mal-bank HSBC, l-istess surgent skopra li kien hemm cekk iehor ta' natura suspettuza. Gie svelat li tliet (3) cekkijiet hargu minn kont numru 43002369001 li jappartjeni lill-Water Services Corporation u li l-istess cekkijiet

intbaghtu bil-posta lil Polidano Brothers Limited, Hal Farrug Road, Luqa.

Ikompli jixhed li kienu gew mitkellma l-parte civile Charles Polidano kif ukoll Paul Polidano fejn huma kkonfermaw li kienu ghamlu rapport mal-Water Services Corporation. L-istess Charles Polidano stqarr li wara li vverifika mal-istess korporazzjoni rrizultalu li c-cekk bin-numru 54090 (b'ammont ta' €5,964.16); numru 56283 (ammontat ghal €13,153); u numru 53515 (ammontat ghal €5,070.03) qatt ma waslu sa ghandu. Charles Polidano stqarr mieghu li kien skopra b'dawn it-tliet (3) cekkijiet meta gie ghandu certu Alex Grech b'zewg (2) cekkijiet mahrugin mill-Water Services Corporation u talbu biex jiffirma fuq wara ta' tali cekkijiet. Ikompli jghid li Charles Polidano skopra li Alex Grech kien fornixxa dawn ic-cekkijiet minghand l-imputat. Ikompli jghid li Charles Polidano kellu laqgha mal-imputat u ma' certu Victor Testa gol-ufficju tieghu fejn irrizulta li Victor Testa kien ghadda c-cekkijiet lill-imputat. Meta gie interrogat Victor Testa dwar dan hu nnega li qatt mar ghandu l-imputat ghac-cekkijiet. Jghid li Charles Polidano ma setax jaghraf lil din il-persuna.

Jghid li fl-investigazzjoni tieghu meta interroga lill-imputat gie spjegat lilu li l-imputat kien wettaq xi xoghol relatat mat-taxxi tal-kumpanija Polidano Brothers Limited. Jghid li l-imputat kien hadem fuq kaz li kellu l-parte civile Charles Polidano mat-Tax Compliance Unit u li kien dovut l-ammont ta' mija u hmistax-il elf Lira Maltin (Lm115,000). Stante l-fatt li l-parte civile kien hallsu biss madwar tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000) il-parte civile u l-imputat ftiehmu li l-parte civile jibda jghaddi cekkijiet mahrugin minn entitajiet tal-Gvern u jiffirmalu fuq wara. Jghid li stante dan kollu nhargu akkuzi kemm fil-konfront ta' Victor Testa kif ukoll fil-konfront tal-imputat.

Illi xehed l-**Ispettur Darren Buhagiar** li kkonferma d-dokumenti mmarkati bhala Dok AG20 u Dok AG21.

Illi xehed **Stephen Attard** li huwa Chief Financial Officer tal-Water Services Corporation. Jghid li l-parte civile Charles Polidano kkuntattja c-Chairman tal-korporazzjoni stante li kien hemm ghadd ta' cekkijiet li ma kienx qieghed jircevihom. Irrizultalu li kien hemm xi tlieta (3) jew erbgha (4) li dehru li ssarrfu izda mhux mal-parte civile. Jghid li vverifika mal-bank HSBC u mill-immagini tac-

cekk seta jara li dawn ic-cekkijiet kellhom il-firem tal-parte civile kif ukoll tal-imputat Nikki Dimech. Jghid li dawn ic-cekkijiet kienu fuq hlas ta' xoghlijiet ta' manutenzjoni li wettaq Charles Polidano ghal Water Services Corporation.

Jixhed li dawn ic-cekkijiet li ma rciviex Charles Polidano kienu numru 54090 (b' ammont ta' €5,964.16); numru 56283 (ammontat ghal €13,153); u numru 53515 (ammontat ghal €5,070.03). Jikkonferma li tali cekkijiet imsemmijin huma l-istess li gew esebiti mill-prosekuzzjoni[1]. Jispjega li biex jinhargu c-cekkijiet l-ewwel ikun hemm stharrig li s-servizz ikun sar u mbaghad l-accounts clerk johrog cekkijiet u li normalment fuq kull cekk ikun hemm zewg firem. Jghid li fil-kaz inkwistjoni c-cekk bin-numru 54090 kien iffirmat minn Victor Testa u Paul Farrugia (accountant impjegat mal-Water Services Corporation), ic-cekk bin-numru 56283 kien iffirmat minn Victor Testa u tieghu stess u t-tielet (3) cekk bin-numru 53515 kien iffirmat minn Victor Testa u Paul Farrugia.

[1] Fol 38, 54A u 54B

Ikompli jixhed li f'dan il-kaz la ma kienx hemm imnizzel fuq il-kotba taghhom li dawn ic-cekkijiet ingabru allura ntbaghtu bil-posta u li din hija l-prassi. Jispjega li dawn ic-cekkijiet fil-fatt kellhom jintbaghtu lil Polidano Brothers Limited, Hal Farrug Road, Luqa. Ikompli jghid li mhuwiex fil-kompitu tieghu li jivverifika li Charles Polidano ma rceviex ic-cekkijiet izda li jikkonferma li tali cekkijiet issarrfu. Jghid li ghalih l-imputat ma ghandu ebda konnessjoni ma' dawn ic-cekkijiet. Jghid ukoll li jaghraf li l-firem huma tal-imputat stante li hemm indikat ismu wkoll. Jghid li l-parte civile Charles Polidano kkonferma mas-CEO tal-Water Services Corporation li l-firem tieghu fuq ic-cekkijiet inkwistjoni ma kinux tieghu.

Jghid li Victor Testa kien Financial Officer fi hdan il-korporazzjoni u li kien jahdem bhala subaltern tieghu. Jikkonferma li stante li l-kuntratt ta' tliet (3) snin skadielu hu ma baqax jahdem mal-istess korporazzjoni. Jikkonferma li kien kellmu fuq dawn ic-cekkijiet u li kien qallu li ma kien jaf b'xejn fuq din il-kwistjoni.

Illi xehed **Charles Polidano** fejn stqarr li hu kien ghamel rapport mal-Water Services Corporation stante li hu kien ghamel xi

xoghlijiet ghall-istess korporazzjoni u ma kienx thallas ta' tali xoghol. Jghid li l-*Water Services Corporation* qalulu li kien thallas izda meta talab biex jara kopja tac-cekk u sahaq li l-firma tieghu fuq wara ta' tali cekk ma kinitx tieghu. Jghid ukoll li huh Paul Polidano rari jiffirma. Jikkonferma bil-gurament li l-firem fuq id-dokumenti esebiti a fol. 38, 54A u 54B tal-atti processwali fil-fatt mhumiex tieghu.

Ikompli jghid li hu jaf lill-imputat stante li kien ghamel xi xoghol ghalih meta l-istess imputat kien ghadu sindku ta' Tas-Sliema. Jghid li hu qatt ma kellu xi dejn dovut lill-imputat u li qatt ma kien qabbdu biex jahdimlu fuq kwistjoni tat-taxxa. Jispjega li qabel ma mar jilmenta mal-Water Services Corporation hu kien gie avvicinat minn certu Alex Grech li ghaddielu zewg (2) cekkijiet li nhargu mill-istess korporazzjoni f'isem il-kumpanija Polidano Brothers Limited sabiex jiffirmahom fuq wara izda hu zammhom. Jghid li dan Alex Grech kien qallu li gab ic-cekkijiet minghand l-imputat. Jghid li c-cekkijiet kienu gew ghand l-imputat tramite accountant tal-Water Services Corporation u cioè Victor Testa. Jixhed li kellu laqgha mal-imputat u ma' Victor Testa fejn gie spjegat li Testa kien ghadda c-

cekkijiet lill-imputat stante li kien jaf li kien hemm relazzjoni tajba bejn l-istess imputat u Charles Polidano.

Jispjega li hu jaf lil Victor Testa stante li kien bighlu xi xadini. Jghid però li ma kienx gharaf lill-istess Testa meta avvicinah gewwa l-ghassa u dan stante li Testa kellu xi punti f'rasu minhabba xi incident. Jghid li hu qatt ma ra d-dokumenti esebiti a fol. 44 et sequitur. Jikkonferma wkoll li fis-sena 2009 kellu investigazzjoni tat-taxxa ghaddejja u li kien qabbad lill-Price Water House Coopers sabiex jahdmulu fuq il-kaz. Jghid ukoll li l-unici cekkijiet li qatt ta lill-imputat kienu jirrigwardaw finanzi tal-klabb tal-futbol u cioè Sliema Wanderers F.C.

Illi xehed **l-Ispettur Angelo Gafà** riprodott inkontroezami li jghid li hu kien ircieva diversi emails mill-imputat li ser izommu responsabbli ghall-investigazzjonijiet li kien qieghed iwettaq fil-konfront tieghu. Jghid li dawn l-emails kienu jiddettaljaw kif it-tliet (3) cekkijiet inkwistjoni kienu dovuta lill-imputat wara li l-istess Nikki Dimech kien hadem ghal parte civile fuq kwistjoni tat-taxxa. Jghid li ma jeskludix li rcieva dokument anness ma' tali emails li jikkontjeni ittra mibghuta mit-Tax Compliance Unit.

Illi xehed **Dr John Seychell Navarro** li pprezenta elenku tal-assi tal-imputat Nikki Dimech immarkat bhala Dok. JSN1.

Illi xehed **Paul Polidano** li jghid li hu kien gie mghajjat fl-ufficju tal-Ispettur Angelo Gafà fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena 2011 fuq xi firem li nstabu fuq ghadd ta' cekkijiet. Jghid li ma jiftakarx jekk ic-cekkijiet kinux indirizzati lil Polidano Brothers Limited jew lil terzi. Jghid li ma jiftakarx fejn kienu jinstabu l-firem inkwistjoni fuq ic-cekkijiet. Jixhed li darba kellu jiffirma diversi drabi fuq faccata ta' karta u li habba f'hekk kellu jmur darbtejn id-Depot. Ikompli jixhed li kien gie muri xi cekkijiet u li kien gie mistoqsi jekk hemmx il-firma tieghu fuq tali cekkijiet. Jikkonferma li l-firem a fol. 74 tal-atti processwali mhumiex tieghu. Jghid li ma jiftakarx l-istqarrija li kien ghamel fl-ufficju tal-Ispettur Angelo Gafà.

Illi xehed **Alex Grech** li jghid li hu gie mghajjat fl-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena 2011 gewwa l-Kwartieri Generali sabiex jaghmel stqarrija dwar zewg (2) cekkijiet. Jispjega li hu negozjant u propjetarju ta' restorant gewa tas-Sliema. Jghid li hu u diehel gewwa n-negozju tieghu kien lemah lill-imputat bilqieghda jiekol ma' hbieb ohra. Kien dak il-hin li bdew jitkellmu dwar Charles

Polidano. Jghid li l-imputat kien saqsieh biex jehodlu zewg (2) cekkijiet ghand l-istess Charles Polidano sabiex jiffirmalu fuq wara.

Ikompli jixhed li Charles Polidano kien qallu li ha jzomm dawn ic-cekkijiet ghandu stante li kienu tieghu. Jghid li wara madwar tliet (3) jew erbgha (4) xhur induna li s-sitwazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile ma ssolvietx u ghalhekk fuq inizjattiva tieghu ha lill-imputat ghand Charles Polidano sabiex ikunu jistghu jiftiehmu fuq id-differenzi taghhom. Ikompli jghid li wara dik il-laqgha skont hu l-partijiet ftiehmu fis-sens li ma ghandhom xejn ghal xulxin. Jghid li f'din il-laqgha kien hemm prezenti wkoll persuna ohra certu Testa. Ma jafx kif irrangaw dwar ic-cekkijiet ghajr li safejn jaf hu iz-zewg (2) cekkijiet baqghu ghand il-parte civile. Fuq dawn iz-zewg (2) cekkijiet jghid li ma jafx min kien hargu izda jaf li bejniethom kienu fuq tletin elf ewro (€30,000). Jghid ukoll li l-imputat spjegalu li dawn iz-zewg (2) cekkijiet kienu konnessi ma' xoghol li l-istess imputat kien ghamel ghal Charles Polidano.

Jinnega li dawn ic-cekkijiet ma gewx mghoddija lilu inkonnessjoni ma' xi dejn li kellu l-imputat mieghu. Ikompli jghid li hu qatt ma hadem ghall-imputat. Jghid li ma jafx jekk Charles Polidano u Nikki

Dimech kinux hbieb izda ddeduca li kienu jafu lil xulxin. Ikompli jghid li meta ltaqa' ma' Charles Polidano ma giex mistoqsi kif ic-cekkijiet gew ghandu.

Illi xehdet **Audrey Ghigo** inrapprezentanza tal-bank HSBC li tghid ic-cekk bin-numru 53515 mahrug mill-kont numru 043002369001 datat disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena 2009 ghall-ammont ta' hamest elef u tmienja u sebghin ewro u tliet centezmi (€5,078.03) gie depozitat fil-kont numru 006176879002 bl-isem Nikki Dimech and Associates fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena 2010.

Tghid li c-cekk numru 54090 mahrug mill-kont numru 043002369001 datat sittax (16) ta' Gunju tas-sena 2010 fl-ammont ta' hamest elef u disgha mija u erbgha u sittin ewro u sittax-il centezmu (€5,964.16) gie depozitat fil-kont numru 006176879001 bl-isem Nikki Dimech and Associates fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena 2010.

Izzid tghid li c-cekk numru 56283 mahrug mill-kont numru 043002369001 datat tmintax (18) ta' Marzu tas-sena 2011 fl-

ammont ta' tlettax-il elf u mitt ewro u tlieta u hamsin centezmu (€13,100.53) gie depozitat fil-kont numru 006188296001 bl-isem Pro Corp Services Ltd. fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena 2011.

Illi xehed **Savio Borg** li kkonferma li l-firem li jinsabu a fol. 68 et sequitur huma veri kopji tal-firem originali ta' Carmel Polidano u Paul Polidano.

Illi xehed **Joseph Mallia** li gie mahtur minn din il-Qorti sabiex jezamina l-firem originali ta' Charles Polidano u Paul Polidano. Hu pprezenta rapport immarkat bhala Dok. JM1 li jikkontjeni relazzjoni dwar tali kariga.

Illi xehed **Mark Muscat** fejn stqarr li hu kien Chief Executive tal-Water Services Corporation fiz-zmien tal-allegat reat. Jghid li l-kaz odjern beda meta c-Chairman tal-istes korporazzjoni Louis Giordimaina kien gibidlu l-attenzjoni ghal fatt li kuntrattur taghhom, kien qieghed jilmenta dwar pagamenti li ma kienx qieghed jircievi. Jghid li tant jircievu ilmenti ta' dak it-tip li mal-ewwel darba ma tax kaz izda mat-tieni darba kien qabbad lic-Chief

Financial Officer sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet tieghu. Jghid li dan sar wara li kkonfermaw li l-pagamenti ssarrfu izda l-kuntrattur ikkonferma li ma kienx minnu li thallas.

Jghid li meta raw l-ircevuti tac-cekkijiet flimkien mal-kuntrattur u cioè Charles Polidano hu kkonferma mieghu li minkejja li tali cekkijiet gew kontrofirmati, dawn gew kontrofirmati minn xi hadd li hu ma jaghrafx. Minn hemmhekk hu ressaq il-kaz quddiem il-Pulizija. Jghid li dak iz-zmien ic-Chief Financial Officer kien Stephen Attard u li Victor Testa kien impjegat tal-korporazzjoni u li hadem bhala accountant fid-dipartiment ta' Stephen Attard. Jghid li Victor Testa kien gie investigat u li meta kienet ghaddejja din l-investigazzjoni hu kien gie sospiz b'nofs paga. Jghid li meta skadewlu t-tliet (3) snin fuq il-kuntratt tax-xoghol dan ma giex rinnovat stante li l-investigazzjoni kienet ghadha ma ghalqitx. Ikompli jghid li ma jafx jekk Charles Polidano fetahx claim fuq il-pagamenti li allegatament ma rceviex.

Illi xehed **PS 474 Norbert Said** li jghid li f'Mejju tas-sena 2011 kien ircieva rapport mill-Water Services Corporation fejn kien gie allegat li l-istess korporazzjoni harget cekkijiet lil Polidano Brothers

Limited u li dawn gew imsarrfin jew depozitati minn terzi persuni. Jghid li hu kien kellem lill-Kap Ezekuttiv Mark Muscat fejn kien qallu li f'April ta' dik is-sena kien mar ghandu Charles Polidano f'isem Polidano Brothers Limited fejn hu kien allega li ma kienx qieghed jigi mhallas ghal servizzi li wettaq ghall-korporazzjoni. Jixhed li gie stabbilit li kien hemm tliet (3) cekkijiet li minkejja li gew imsarrfin, Charles Polidano qatt ma rceviehom. Jghid ukoll li l-istess Charles Polidano ikkonferma li l-firem fuq dawn ic-cekkijiet ma kinux tieghu filwaqt li gharaf il-firma tal-imputat.

Jghid li hu kien kellem lil Charles Polidano li kkonferma dan kollu mieghu. Jghid li Charles Polidano stqarr mieghu li sar jaf b'din il-kwistjoni meta f'Marzu tas-sena 2011, kien kellmu Alex Grech li talbu biex jiffirma zewg (2) cekkijiet li gew mahrugin mill-Water Services Corporation. Jghid li cekk minnhom kien jammonta ghal madwar tlieta u tletin elf u tliet mija u tmienja u erbghin ewro (€33,348) pagabbli lil Polidano Brothers Limited u cekk iehor kien jammonta ghal elfejn u sitt mija u tmienja u hamsin ewro (€2,658) pagabbli lil Paul Mesh Limited. Jghid li Charles Polidano qallu li Alex Grech kien gab ic-cekkijiet minghand l-imputat. Jixhed ukoll li Charles Polidano kellu laqgha mal-imputat kif ukoll ma' Victor

Testa li kien jahdem il-Water Services Corporation u waqt din il-laqgha l-istess Testa kkonferma li kien hu li ghadda dawn ic-cekkijiet lill-imputat stante li Nikki Dimech kien qalli li kien habib ta' Charles Polidano.

Ikompli jixhed li kien anke kellem lil hu Charles Polidano u cioè Paul Polidano stante li kien hemm il-firma tieghu prezenti fuq dawn ic-cekkijiet. Jghid li kemm Paul Polidano kif ukoll Charles Polidano kkonfermaw mieghu li qatt ma ffirmaw fuq wara taz-zewg (2) cekkijiet. Jixhed li kien ha kampjuni tal-firem tal-ahwa Polidano. Ikompli jghid li kien kellem lil Alex Grech fejn dan ikkonferma li kien gie mghoddi z-zewg (2) cekkijiet minghand l-imputat. Jghid ukoll li l-informazzjoni li kiseb dwar Victor Testa kienet fis-sens li hu kien impjegat bhala accountant mal-Water Services Corporation u li kien wiehed mill-firmatarji ta' cekkijiet li jinhargu mill-korporazzjoni.

Jixhed ukoll li kien talab ghal informazzjoni minghand il-bank HSBC dwar tliet (3) cekkijiet. Jikkonferma bil-gurament li dawn it-tliet (3) cekkijiet huma dawk li jinsabu a fol. 38, 54 u 54b tal-atti processwali.

Illi xehdet **Ex WPC Shirley Calleja** li gharrfet lill-imputat u spjegat li fis-sena 2011 kienet tahdem bhala Pulizija gewwa l-ufficju tal-Ispettur Angelo Gafà. Tghid li hi kienet prezenti waqt li kienet saret id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd tal-parir legali u li tali dritt kien inghata lill-imputat Nikki Dimech. Tikkonferma li kienet prezenti meta l-imputat ghamel stqarrija u b'hekk tikkonferma l-istqarrija mmarkata bhala Dok. AG15 a fol. 66 tal-atti processwali.

Illi xehed **PC127 Clyde Agius** li gharaf lill-imputat Nikki Dimech u spjega li fis-sena 2011 kien stazzjonat gewwa l-Money Laundering Unit. Jaghraf ukoll il-firma tieghu fuq id-dokument immarkat bhala Dok. AG11 a fol. 57 tal-atti processwali liema dokument huwa d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd tal-parir legali u li tali dritt kien inghata lill-imputat Nikki Dimech.

Illi xehed **Louis Giordimaina** fejn stqarr li hu kien Chairman tal-Water Services Corporation mis-sena 2008 sas-sena 2013. Jghid li kien gie Mark Muscat flimkien ma' Stephen Attard sabiex ikellmuh fuq suspett li kellhom li kien hemm xi cekkijiet li suppost thallsu lil Polidano Brothers Limited però d-Direttur tal-kumpanija u cioè Charles Polidano kien qieghed jilmenta li hu ma rceviex tali

pagamenti. Jghid li xahar wara kellu laqgha ma' Charles Polidano flimkien ma' Mark Muscat u Stephen Attard. Jixhed li fil-laqgha l-istess Charles Polidano sahaq li l-firem fuq ic-cekkijiet ma kinux tieghu. Jispjega li wara kienu tkomplew xi investigazzjonijiet interni u li kienu dahlu l-Pulizija sabiex jinvestigaw accountant fi hdan il-Water Services Corporation bl-isem ta' Victor Testa.

Jghid li Victor Testa kien gie sospiz stante li kien hemm suspett li kien qieghed ibaghbas cekkijiet li nhargu mis-sezzjoni finanzjarju tal-Water Services Corporation. Jghid li tali cekkijiet kienu jghajtu lil Charles Polidano. Ikompli jispjega li Stephen Attard kien talab ghal dawn ic-cekkijiet u li kien qieghed izommu aggornat b'kwalunkwe zviluppi fl-investigazzjoni interna. Jikkonferma li l-kwistjoni ma' Victor Testa kienet telghet quddiem il-bord tal-korporazzjoni u kien gie konkluz li kien hemm suspett li l-istess Testa ma kienx qieghed jghaddi xi cekkijiet direttament lil Charles Polidano. Jghid li l-involviment kien sal-mument li gie sospiz. Jghid li ma jafx li l-istess Victor Testa kien tressaq mill-Pulizija u gie liberat. Jikkonferma wkoll li hu qatt ma ltaqa' mal-imputat u li lanqas biss jafu.

Illi xehed **Victor Testa** li jghid li hu kien jahdem bhala accountant mal-Water Services Corporation. Jghid ukoll li hu kien gie mressaq bi proceduri kriminali u li gie liberat mill-akkuzi kontrih. Ikompli jixhed li jaf lill-imputat bhala s-Sindku ta' Tas-Sliema. Jispjega li l-Water Services Corporation taghmel hafna xoghol ma' kuntratturi u li fis-sena 2011 jew 2012 kien gie akkuzat mill-Ispettur Angelo Gafà li kien ghadda xi cekkijiet direttament lill-imputat. Jghid li tali cekkijiet kienu kollha pagabbli lill-kumpanija li ghandhom lil Charles Polidano bhala direttur. Dawn kienu pagamenti li jirrapprezentaw xoghlijiet li l-istess Charles Polidano kien wettaq ghall-korporazzjoni.

Ikompli jghid li l-mod ta' kif kuntratturi kienu jithallsu kien billi l-ewwel jinhadmu BOQ (Bill Of Quantities) mill-periti tal-Water Services Corporation u mbaghad dan kien jigi mghoddi ghand is-sezzjoni tal-accountants fejn jigu ppreparati c-cekkijiet u jigu vvettjati. Ikompli jghid li hu kien jiffirma dawn ic-cekkijiet u li kienu jintbaghtu jew lic-Chief Financial Officer jew lic-Chief Executive Officer u dan skont l-ammont indikat bhala pagament. Jghid li minn hemm ic-cekk kien jigi ffirmat u mbaghad jintbaghtu bil-posta jew inkella jingabar mill-korporazzjoni stess. Jghid li skont

il-bzonn gieli jigi l-kuntrattur innifsu sabiex jigbor il-pagament u dan stante pressa sabiex jigu mhallsin. Jghid li c-cekkijiet wara numru ta' granet predeterminat is-sistema tal-Water Services Corporation kienet tipprintja c-cekk awtomatikament.

Jghid li rigward ic-cekkijiet mertu ta' dawn il-proceduri hu sema' bihom meta gie interrogat mill-Ispettur Angelo Gafà fejn dan riedu jammetti li kien ghadda c-cekkijiet lill-imputat izda hu dejjem cahad din l-allegazzjoni. Izid jghid li l-Ispettur kellu attitudni goff mieghu matul l-interrogazzjoni. Jghid li Charles Polidano kien prezenti mal-istess Spettur u li kien ikkonferma li ma kienx hu li ghadda c-cekkijiet lill-imputat. Jghid li wara li gie interrogat xi tliet (3) darbiet kien iltaqa' ma' Charles Polidano fuq l-istedina tal-istess Polidano fejn ghal tali laqgha kien hemm anke prezenti l-imputat. Jixhed li attenda ghal-laqgha stante li kien jaf lil Charles Polidano personalment. F'din il-laqgha sar jaf li l-imputat u Charles Polidano kellhom xi dizgwid bejniethom.

Illi xehed l-**Ispettur Ryan Caruana** li jghid li fis-sena 2011 u kien ghadu kuntistabbli bin-numru 1387. Jghid li fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2011 l-Ispettur Angelo Gafà kien ghaddhielu tliet

(3) cekkijiet u fil-fatt jikkonferma r-rapport tieghu esebit a fol. 73 tal-atti.

Illi xehed **Ex PC569 Anthony Cassar** fejn stqarr li hu kien stazzjonat gewwa l-Economic Crimes Unit mal-Ispettur Angelo Gafà. Jikkonferma li dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. AG18 u AG19 huma kampjuni ta' firem ta' Charles Polidano u Paul Polidano.

Illi xehed **John Charles Ellul** li gie mahtur minn din il-Qorti fid-disgha (9) ta' Lulju tas-sena 2018 sabiex jezamina l-inka uzata fuq tliet (3) cekkijiet esebiti u mmarkati bhala Dok. AG5, Dok. AG7, u Dok. A8. Jghid li hu ghamel analizi fuq dawn id-dokumenti liema analizi gie redatt f'rapport immarkat bhala Dok. JE1.

Illi xehed **l-Ispettur Angelo Gafà** riprodott mill-prosekuzzjoni u li pprezenta kopja tar-rapport immarkat bhala Dok. GA1. Jghid li ma jafx jekk qatt uza l-frazi "Qed naghtik il-habel jew taqtghu jew titghallaq bih" fil-konfront ta' Victor Testa. Izda jishaq li jekk uza tali frazi hu ried ifisser b'mod metaforiku.

Illi xehdet **Audrey Ghigo** riprodotta mill-prosekuzzjoni li tikkonferma li l-korrispondenza esebita a fol. 39, 54 u 55 tal-atti processwali kienu ffirmati minnha stess.

Illi xehed **PL Quentin Tanti** inrapprezentanza tal-Malta Financial Services Authority (MFSA) b'dan illi pprezenta kopja tal-memorandum and articles of association tal-kumpanija Polidano Brothers Limited (bin-numru C-8884 registrata fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena 1987) immarkat bhala Dok. QT1. Ipprezenta wkoll il-memorandum and articles of association tal-kumpanija PRO Corporate Services Limited (bin-numru C-50632 u registrata fl-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena 2010) immarkat bhala Dok. QT2.

Illi l-imputat **Nicholas Dimech** ipprezenta ittra ufficjali datata tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena 2012 bin-numru 3024/2012 kif ukoll dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. RM1 u Dok. RM2. Xehed li huwa accountant certifikat u li kien ghamel zmien jaghti lectures fl-Institute of Taxation u kien anka chairman tal-edukazzjoni fl-istess istituzzjoni. Jghid li hu sar jaf lill-parte civile Charles Polidano stante li l-istess Polidano kellu kwistjoni mat-Tax

Compliance Unit. Jixhed li l-parte civile kien qabbdu sabiex jirrapprezentah waqt investigazzjoni li kienet qieghda ssirlu fuq it-taxxa. Jispjega li din kienet kawza fuq endangered tax li jammonta ghal zewg miljuni u nofs Liri Maltin (Lm2,500,000.00). Jghid li nghata mandat mill-kumpanija Polidano Brothers Limited sabiex jirrapprezentahom u ftiehem mal-parte civile fuq success fee ta' mija u hmistax-il elf ewro (€115,000.00). Ikompli jghid li fil-fatt irnexxielu jsolvi l-kwistjoni li l-parte civile kellu mat-Tax Compliance Unit. Ipprezenta dokument datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena 2009 li jikkonferma dan u jinstab immarkat bhala Dok. ND1.

Jghid li rigward metodu ta' hlas l-ewwel gabar ammont ta' hamest elef ewro (€5,00) kontanti minghand il-parte civile u mbaghad ftiehmu jibda jigbor cekkijiet mill-post fejn kienet topera l-kumpanija Polidano Brothers Limited u cioè gewwa Hal Farrug. Jixhed li kull sitt xhur kien gabar tliet (3) cekkijiet liema cekkijiet iddepozitahom fil-kont tieghu stess. Jispjega li dawn kollha kienu cekkijiet li nhargu mill-Water Services Corporation u jishaq li tlieta (3) minnhom kienu ffirmati mill-parte civile filwaqt li l-ahhar tnejn (2) ma gewx iffirmati mill-istess parte civile. Jixhed li stante li ma

kienx qieghed jirnexxielu jikkomunika ma' Charles Polidano kien qabbad lil certu Alex Grech sabiex jehodlu dawn l-ahhar zewg (2) cekkijiet ghand l-istess Polidano sabiex jigu ffirmati minnu. Jghid li meta kien ikkomunika mieghu u saqsieh ghalfejn ma ffirmalux fuq wara taz-zewg (2) cekkiijiet, il-parte civile spjegalu li kellu bzonnhom stante li nqatalu s-servizz tad-dawl go daru.

Jixhed li Victor Testa qatt ma kien ghaddielu c-cekkijiet u li qatt ma ffirmahom hu. Jghid ukoll li meta gie interrogat mill-Ispettur Angelo Gafà darba minnhom kien hemm prezenti l-parte civile Charles Polidano li hu stess informa lill-istess Spettur li bejniethom kollox gie rizolt. Jghid ukoll li hu qatt ma ffalsifika l-firem tal-parte civile fuq wara tac-cekkijiet inkwistjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-ewwel (1) akkuza tittratta l-allegat frodi mill-imputat fejn qieghed jigi akkuzat talli ghamel qligh ta' erbgha u ghoxrin elf, mija u tnejn u erbghin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€24,142.72) ghad-dannu ta' Polidano Brothers Limited.

Illi l-elementi rikjesti biex jissussistu r-reati taht l-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Fil-ligi nostrali biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi nnominata jrid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mis en scene* - ikun hemm it-truffa; jekk le jkun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi nnominata (jew lukru frawdolenti nnominat) - **Il-Pulizija vs Carmela German** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin (30) ta' Dicembru elfejn u erbgha (2004).

Illi x'jikkostitwixxi r-raggiri u l-artifizji wkoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei:

> *"artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole,*

*destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se'richiama l'idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera."- Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356.*

Illi sabiex tinstab htija ghar-reati kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè r-reati li bihom jinsab akkuzat l-imputat, irid jirrizulta li kien hemm frodi jew truffa perpetrata li ggib telf patrimonjali lill-vittma u qligh ghal min jeffettwa tali frodi. Ghaldaqstant huwa evidenti li sabiex jissussistu l-akkuzi taht l-Artikoli 308 u 309 irid ikun hemm prova cara li sar xi qligh jew gwadann - **Il-Pulizija vs. Charles Le Brun** deciza mill-Qorti ta' Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April elfejn u sebgha (2007).

Illi fil-kaz odjern il-parte civile Charles Polidano kien insista kemm fid-dikjarazzjoni tieghu, kif ukoll waqt li xehed fuq il-pedana li hu qatt ma ffirma t-tliet (3) cekkijiet li ssarfu f'kontijiet ta' terzi. Oltre minn hekk gie pruvat li l-istess cekkijiet issarfu f'zewg (2) kontijiet

li jappartjenu lill-imputat[2]. Sa dan il-punt il-Qorti thoss li l-prosekuzzjoni kienet qieghda tibni l-kaz taghha fir-rigward l-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi sabiex din il-Qorti ssib htija taht din l-akkuza, irid ikun hemm rabta cara bejn l-imputat u l-*actus reus*. Minkejja li gie ppruvat li t-tliet (3) cekkijiet issarrfu go kontijiet tal-imputat, il-prosekuzzjoni ma rrnexxilhiex tipprova li kien l-imputat stess li sarrafhom u iktar minn hekk li l-istess imputat ghamel dan b'ingann. Il-Qorti taghmel referenza ghal provi dokumentari li esebixxa l-imputat li jikkonsistu f'ircevuti mahrugin mill-imputat ghal servizzi li kien wettaq ghall-parte civile. Ghalhekk il-Qorti digà ghandha quddiemha kunflitt ta' provi ta' bejn x'intqal mill-parte civile u x'intqal mill-imputat fix-xhieda tieghu.

Illi di piu' qed issir referenza wkoll ghall-verbal datata erbatax (14) ta' Gunju tas-sena 2022 a fol. 1399 tal-atti processwali fejn jinghad hekk:

---

[2] Referenza qieghda ssir lix-xhieda moghtija minn PL Quentin Tanti kif ukoll ir-rapprezentant tal-bank HSBC Audrey Ghigo.

*"Dr. Michael Sciriha ghall-Carmel Polidano prezenti u Dr. Vassallo ghall-imputat jiddikjaraw li kien hemm tranzazzjoni bonarja u m' hemmx pendenzi ikftar fil-konfront ta' xulxin inkluz ghal dawn il-proceduri."*

Illi ghalhekk il-Qorti tinnota li la l-parte civile ma hassx li safa' vittma tar-reat li qieghed jigi allegat allura jregi li l-imputat ma ghamilx qligh minn fuq l-istess parte civile. Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li t-trapass ta' zmien min-naha tal-prosekuzzjoni kellha rwol fin-nuqqas ta' provi prodotti fuq din l-imputazzjoni.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tillibera lil Nicholas sive Nikki Dimech mill-ewwel (1) imputazzjoni.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi fir-rigward tat-tieni (2) akkuza, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ressqet prova forensika mhejji minn PS271 u PS1387. Ir-rapport esebit a fol. 73 tal-atti processwali jezamina l-firem ta' Paul Polidano u Charles Polidano u jikkumparahom ma'

kampjuni[3] li ttiehdu mill-istess. Fir-rapport jinghad hekk a rigward ic-cekk datat sittax (16) ta' Gunju tas-sena 2010:

*"On **Cheque 2** bearing number **054090**, only one type of ink dye was detected, as shown in in the attached photographs. The yellow borders around the ink dye in the above images indicate similarities in ink dye suggesting that every yellow border is similar to the other yellow border."*

Illi oltre minn hekk il-Qorti rat ir-rapport tal-kalligrafiku Joseph Mallia esebit a fol. 724 tal-atti processwali. Rigward il-firem fuq wara tac-cekkijiet bin-numri ***53515, 54090*** u ***56283*** jikkonkludi hekk:

*"2. Illi l-punti karatteristici li jinsabu fil-kors tal-ktiba tal-ewwel (1) firma allegatament ta' Charles Polidano detentur tal-karta tal-identita` numru 506259M, li tidher miktuba fuq in-naha ta' wara tac-cekk tal-bank HSBC numru **53515***

[3] Fol 70 u 71

*… ma jaqblux mal-punti karatterstici li jinsabu fil-firma originali tal-istess Charles Polidano, dokumenti CP1 u CP2.*

*3. Illi l-punti karatteristici li jinsabu fil-kors tal-ktiba tal-firma allegatament ta' Charles Polidano detentur tal-karta tal-identita` numru 506259M, li tidher miktuba fuq in-naha ta' wara tac-cekk tal-bank HSBC numru* ***54090*** *… ma jaqblux mal-punti karatterstici li jinsabu fil-firma originali tal-istess Charles Polidano, dokumenti CP1 u CP2.*

*4. Illi l-punti karatteristici li jinsabu fil-kors tal-ktiba taz-zewg (2) firem allegatament ta' Charles Polidano detentur tal-karta tal-identita` numru 506259M, li tidher miktuba fuq in-naha ta' wara tac-cekk tal-bank HSBC numru* ***56283*** *… ma jaqblux mal-punti karatterstici li jinsabu fil-firma originali tal-istess Charles Polidano, dokumenti CP1 u CP2."*

Illi l-Qorti rat ukoll ir-rapport esebit mill-espert John Charles Ellul fejn ikkonkluda:

*"Illi fir-rigward id-dokument* ***AG5*** *jirrizulta li l-kitba kahlanija (blue) saret mill-istess inka filwaqt il-firem li hemm bl-inka sewda saru mill-istess inka.*

*Illi fir-rigward id-dokument* ***AG7*** *jirrizulta li l-kitba kollha u il-firem kahlanin (blue) saru mill-istess inka.*

*Illi fir-rigward id-dokument* ***AG8*** *jirrizulta li l-kitba u il-firem kahlanin (blue) saru mill-istess inka filwaqt li l-firem u il-kitba li hemm bl-inka sewda saru mill-istess inka u ghandhom ukoll ripetut l-istess difett fl-inka li kellha il-pinna."*

Illi ghaldaqstant ghalkemm jista' jkun illi l-firem tal-parte civile gew iffalsifikati, izda minkejja dan, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li kien fil-fatt l-imputat Nicholas sive Nikki Dimech li ffalsifika tali firem. L-uniku xhud li ressqet il-prosekuzzjoni sabiex jixhed fuq dan kien Charles Polidano kif ukoll huh Paul Polidano. Il-Qorti ma ssibx konfort fix-xhieda tal-ahwa Polidano stante li fix-xhieda taghhom it-tnejn kienu pjuttost xotti u ma setghux jissustanzjaw dak li kien qieghed

jigi allegat u cioè li l-imputat kien qieghed jiffalsifika l-firem taghhom.

Illi fuq dan l-ahhar punt fil-fatt xehed Victor Testa li a kuntrarju tal-parte civile, kien ferm deskrittiv u dettaljat fix-xhieda tieghu. Il-Qorti in fatti sejra tiddikjara tali xhud bhala wiehed kredibbli stante li kien l-uniku xhud li fiehem bi kliem car ta' kif il-pagamenti kienu jsiru da parti tal-Water Services Corporation u kif kienu jigu mizmuma c-cekkijiet u kif kienu jintbaghtu.

Illi l-istess Victor Testa dejjem cahad li qatt ghadda t-tliet (3) cekkijiet mertu tal-kawza lill-imputat. Oltre minn hekk jirrizulta mill-provi prodotti li l-anqas il-Kap Ezekuttiv u c-Chief Financial Officer tal-Water Services Corporation ta' dak iz-zmien ma kienu kapaci jispjegaw kif ic-cekkijiet spiccaw f'idejn l-imputat kif qieghed jigi allegat.

Ghalhekk il-Qorti ser tillibera lil Nicholas sive Nikki Dimech anke mit-tieni (2) imputazzjoni fuq nuqqas ta' provi.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll talli xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz ai termini tal-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Mark Randon** deciz mill-Qorti tal-Magistrat bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Lulju 2014, inghad li:

> *"L-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi "Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija flartikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni." Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ghallfini tar-reat fl-Artikolu 184, ma hux necessarju li min jaghmel uzu minn att falz, ikun ukoll l-awtur tal-istess falsifikazzjoni. L-importanti hu, li min jaghmel uzu minn tali att falz, ikollu ix-xjenza, li l-att ikun falz. Ghalkemm ma hemmx prova li l-imputat iffalsifika l-firma ta' Saviour Farrugia fuq iccheque in kwistjoni, mill-provi jirrizulta li fit-22 ta' Lulju 2002, l-imputat iddepozita dan ic-cheque f'kont tieghu (i.e. tal-istess imputat) mal-Lombard Bank – u ghalhekk ghamel uzu minn dan ic-cheque b'firma*

*falsifikata. Issa dan ic-cheque kien inghata lill-imputat minn Travelex Financial Services Limited fit-12 ta' Lulju 2002 (id-data tac-cheque) jew f'xi data sussegwenti, u mill-provi jirrizulta li dan ic-cheque baqa' l-hin kollu fil-pussess tal-imputat. Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat - li kellu ic-cheque de quo il-hin kollu fil-pussess tieghu - kien jaf x'gara minn dan ic-cekk, u senjatament li hu ma kienx tah lil Saviour Farrugia ghal xi hin. Ghalhekk, meta l-imputat mar jiddepozita dan ic-cheque l-Bank, kien jaf ben tajjeb, li l-firma ta' Saviour Farrugia fuq dan ic-cheque kienet giet falsifikata.*

*Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' din it-tieni imputazzjoni."*

Illi ghalhekk l-element krucjali f'dan il-kaz, sabiex tali reat jissusisti tenut kont tal-fatt illi l-imputat mhux ser jigi misjub hati ta' falsifikazzjoni, irid jigi ppruvat li hu kien jaf ben sew li c-cekkijiet li kien qed juza kienu foloz.

Illi ghal darb'ohra il-Qorti tinnota li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova dan. Illi x-xhieda principali li setghu jitfghu dawl fuq din l-allegazzjoni kienu Charles Polidano u Victor Testa. Anke hawnhekk il-parte civile Charles Polidano ma setax juri certezza fit-twegibiet tieghu ghal dak li ghandu x'jaqsam il-finanzi tal-kumpanija tieghu kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad mill-imputat fix-xhieda tieghu fejn intqal is-segwenti:

> *"...bazikament l-Accounts Department tieghu ma hadt xejn. Rajt tahwid jigifieri emm meta nghid tahwid hadd ma kien jaf fuq dan it-tax investigation, rajt nies onestament jiffirmaw cheque books u kien hemm erba' min-nies gol-Accounts Department apparti li kien ikun hemm xi hamsin ruh jistenna isfel jigifieri dan ma kienx post fejn wiehed jista' jikkoncentra..."*

Illi huwa minnu li l-parte civile jixhed li qatt ma ffirma fuq it-tliet (3) cekkijiet izda l-Qorti tinnota li ssibha difficli temmen li negozjant li hu stess ammetta li kellu kwistjonijiet dwar taxxi

dovuti, u li ma kellux sistema organizzata, ikun preciz u kliniku fix-xhieda tieghu minghajr ma jgib prova dokumentarja. Oltre minn hekk l-istess parte civile huwa ferm selettiv fuq liema dokumenti jiftakar li kien ra. Referenza ssir ghax-xhieda tieghu fejn jinghad hekk meta mistoqsi fuq id-dokument esebit a fol. 47[4] tal-atti processwali:

| | |
|---|---|
| *"Charles Polidano:* | *Jien sa fejn naf jien tat-taxxxa ghadni ghaddej biha. Sa fejn naf jien.* |
| *Qorti:* | *Ghamiltu kontu risposta ghaliha?* |
| *Xhud:* | *Irrid nghid x' ghamlu l-ufficju. Ma nafx jien* |
| *Qorti:* | *Ma tafx."* |

Illi l-Qorti tqis li kieku direttur ta' kumpanija rcieva tali dokumenti indikati, l-istess direttur kien jaghmel investigazzjoni serja fl-amministrazzjoni tal-istess kumpanija.

[4] Tali dokument huwa ittra mibghuta lid-diretturi tal-Polidano Brothers Limited minghand it-*Tax Compliance Unit*

Illi l-prova li gabet id-difiza, u li baqghet tinsisti fuqha mill-ewwel seduta sal-gurnata odjerna, hi li l-imputat kien gie mqabbad sabiex iwettaq bicca xoghol ghall-parte civile relatata mat-taxxa. Referenza qieghda ssir ghad-dokumenti li gew esebiti mill-imputat. Il-Qorti ghalhekk hija moralment konvinta li tistrieh fuq tali provi prodotti mill-imputat fis-sens li dawn jimminaw u jxekklu l-verzjoni tal-parte civile.

Illi ma' dan kollu l-Qorti jkollha tinnota kif il-prosekuzzjoni bdiet b'tant fervur u dettall fl-investigazzjoni tal-kaz odjern izda matul il-medda tal-kaz halliet inkonsistenzi kbar jizvolgu. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif ma saritx analizi tal-firma tal-imputat u dan meta sar l-istess tip ta' analizi fuq il-firem tal-parte civile. Din kienet tkun verament l-ahjar prova xjentifika u nkonfutabbli.

Ghalhekk il-Qorti ser tillibera lil Nicholas sive Nikki Dimech mit-tielet (3) imputazzjoni fuq nuqqas ta' provi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat **Nicholas sive Nikki Dimech** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u dan stante li ma gewx ippruvati oltre d-dubju dettat mil-ligi.

Oltre minn hekk il-Qorti qieghda tirrevoka d-digriet taghha moghti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena 2013 fejn ordnat l-iffrizar tal-assi ta' **Nicholas sive Nikki Dimech**.

-----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**